MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 52/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurnace p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijet ta' Michael Attard Ltd.**

**Vs**

**1.Sea Malta Co. Ltd.**
**2. The Cargo Handling Company Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Jannar, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, illi jhallsuha s-somma ta' hames mija u disgha u sittin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm569.34) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha s-socjeta' attrici kellha tindenizza lill-assigurat taghha fl-ammont ta' hames mija u tlettax-il lira u erbgha u tletin centezmu (Lm513.34) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi Peugeot li waslet Malta fuq il-

vapur Maltese Falcon fit-28 ta' Frar, 2000, ma' liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' sittta u hamsin lira Maltin (Lm56) *survey* fee inkorsi mis-socjeta' attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta' Lm569.34.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti, jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur.

Bl-ispejjez, u nteressi mid-data tan-notifika tal-Avviz, kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn eccepiet:

1. Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi ***de quo*** kienu that il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socejta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;
3. Illi, subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;
4. Illi, subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma intempestivi stante illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma giet interpellata in konnessjoni mal-allegati danni u nuqqasijiet lamentati fic-citazzjoni attrici, u fi kwalunkwe kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;
5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited fejn eccepiet illi:

Fl-ewwel lok, l-inkompetenza tal-Qorti ratione materia;

Fit-tieni lok, u fi kwalunkwe kaz, illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevant, koja ta' liema giet annessa u mmarkata Dok A;

Fit-tielet lok, il-klawzola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu li giet anness u mmarkata Dok B ghat-tenur ta' liema s-socjeta' konventua ma hiex responsabbli ghad-danni reklamati;

Fir-raba' lok, li t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi, rrizulta mill-provi illi fit-28 ta' Frar, 2000, waslu Malta kwantita' ta' karozzi tal-marka Peugeot abbord il-vapur Maltese Falcon. Jidher illi kienu hemm xi whud minn dawn il-karozzi illi kellhom xi hsarat, liema hsarat jirrizultaw fil-*joint-tally* illi saret bejn is-socjetajiet Sea Malta u Cargo Handling (Fol. 12). Sussegwentement sar *survey* minn rapprezentant ta' l-importatur, Michael Attard Limited, u l-kumpanija assikuratrici (Fol. 28).

Minn dan is-*survey* jirrizultaw hsarat ohra li ma kienux riportati fil-*joint-tally* illi saret precedentement. Ghalhekk, il-Qorti sejra tikkunsidra dawn iz-zewg dokumenti separatament sabiex tasal ghal konkluzjoni liema hsarat huma responsabbli ghalihom is-socjeta' konventua Sea Malta u liema hsarat hija responsabbli ghalihom is-socjeta' Cargo Handling.

Il-vetturi kollha dannegjati gew imsewwija mill-importatur Michael Attard Limited u l-kont taghhom jinsab esebit

minn Fol. 48 sa’ Fol. 50. Dawn it-tiswijiet gew verifikati mis-*surveyor* illi awtorizza l-pagament.

Ghal fini ta’ konvenjenza, l-Qorti ser taghmel riferenza ghall-ahhar tliet numri tac-*chassis* number li jidhru fis-*survey*. Ghalhekk, il-Qorti l-ewwel ser tindika liema vetturi nstabu bil-hsara fil-*joint-tally* maghmul mill-konvenuti.

Dawna huma:

| Ex-Tally (Fol. 12) Chassis No. | | Lm | |
|---|---|---|---|
| 486 | | 35.00 | |
| 484 | | 35.00 | |
| 836 | | 211.10 | |
| 557 | | 9.61 | |
| 630 | L-ebda marka fis-*survey* | | |
| 973 | L-ebda marka fis-*survey* | | |
| *Survey Fee* | | 20.00 | Lm 310.71 |

Is-segwenti vetturi rrizultaw bil-hsarat wara s-*survey* li sar fil-‘car compound’ gestit mis-socjeta’ Cargo Handling:

| Ex Survey (Fol. 28) Chassis no. | Lm | |
|---|---|---|
| 633 | 85.75 | |
| 837 | 5.75 | |
| 844 | 19.88 | |
| 846 | 5.75 | |
| 847 | 45.34 | |
| 848 | 5.75 | |
| 928 | 40.66 | |
| 784 | 5.75 | |
| 221 | 5.75 | |
| 814 | 5.75 | |
| 818 | 5.75 | |
| 134 | 5.75 | |
| *Survey Fee* | 20.00 | Lm 257.63 |
| | | Total: Lm568.34 |

Il-partijiet f’din il-kawza llimtaw ruhhom ghall-meritu principalment dwar kif kellha tigi spartita l-ammont ta’

danni illi qed tirreklama s-socjeta’ attrici. Injuraw ghal kollox l-eccezzjonijet legali mqajjma mis-Sea Malta, u ghalhekk, il-Qorti mhux ser tidhol f’dawn l-eccezzjonijiet la ma ngabux provi u l-anqas ma saret riferenza ghalihom waqt it-trattazzjoni u ser tillimita ruhha ghall-ispartazzjoni tad-danni kif irrizilta mill-provi.

Ghalhekk, skond id-dokumenti esebiti, l-hsarat li rrizultaw mit-*tally sheet* fl-ammont ta’ tliet mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm310.71) ghandhom ikunu ta’ responsabbilta’ tas-socjeta’ konventua Sea Malta.

Il-hsarat illi rrizultaw waqt is-*survey* illi sar fil-‘car compound’ fl-ammont ta’ mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm257.63) ghandhom ikunu responsabbli ghalihom is-socjeta’ konventua Cargo Handling.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas tas-somma ta’ hames mija u tmienja u sittin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm568.34) u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Sea Malta illi thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm310.71) u lis-socjeta’ konvenuta Cargo Handling is-somma ta’ mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm257.63) danni sofferti fil-merkanzija ta’ vetturi Peugeot li waslet Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fit-28 ta’ Frar, 2000, minn liema ammonti jinkludi wkoll *survey fee* maqsum ugwalment bejn il-konvenuti.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz illi ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mis-socjeta’ konvenuta Sea Malta u n-nofs l-iehor mis-socjeta’ Cargo handling.

Anthony Zammit
Deputat Registratur